2025/2564

12.12.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2564

tat-8 ta' Diċembru 2025

li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Spanjol,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġiet proposta għall-ħatra s-Sa Cristina MENÉNDEZ ÁLVAREZ sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Spanjol ippropona lis-Sur Guillermo KIRKPATRICK DE LA VEGA, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Director General de Cooperación con el Estado y la Unión Europea, Comunidad de Madrid* (Direttur Ġenerali għall-Kooperazzjoni mal-Istat u l-Unjoni Ewropea, Comunidad de Madrid), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Guillermo KIRKPATRICK DE LA VEGA, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Director General de Cooperación con el Estado y la Unión Europea, Comunidad de Madrid*(Direttur Ġenerali għall-Kooperazzjoni mal-Istat u l-Unjoni Ewropea, Comunidad de Madrid), huwa b'dan maħtur bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/71, 16.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

R. STOKLUND